MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-27 ta' April, 2009

Talba Numru. 58/2007

**John Bezzina**

**vs**

**Leonard Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attur li qed jitlob lil dan it-Tribunal sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni mehtiega skond il-ligi:-

1. Jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta' tmien mija u sebghin lira Maltin (Lm870), u cioe' ekwivalenti ghal elfejn u sitta u ghoxrin Euro u hamsa u hamsin centezmi (€2,026.55), bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, li jikkonsistu fis-segwenti ammonti:-

a. kwantu ghal tlett mitt lira Maltin (Lm300), u cioe' ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81), rapprezentanti valur ta' xoghol li gie misapproprjat mill-konvenut, jew il-

flus ta’ l-istess mizmuma minnu, waqt li kien fl-impjieg ta’ l-attur

b. kwantu ghal mija u sittin lira Maltin (Lm160), u cioe’ ekwivalenti ghal tlett mija u tnejn u sebghin Euro u sebghin centezmu (€372.70) rapprezentanti hsarat ikkawzati fil-vettura tal-attur IAZ 518 tal-marka Isuzu.

c. Kwantu ghal tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350), u cioe’ ekwivalenti ghal tmien mija u hmistax-il Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€815.28) rapprezentanti valur ta’ *diesel* li ttiehed mill-konvenut u kien imhallas bi flus l-attur

d. Kwantu ghal sittin lira Maltin (Lm60), u cioe’ ekwivalenti ghal mija u disgha u tletin Euro u sitta u sebghin centezmu (€139.76), rapprezentanti valur ta’ *spare wheel* li l-istess konvenut ha u li tappartjeni lill-attur.

Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-konvenut m’ghandux ihallas lill-attur ebda flus.

Ra x-xhieda tal-attur John Bezzina li jispjega li hu kien Dulcier, li kellu n-negozju tieghu Ghawdex u li kien impjega lill-konvenut mieghu bhala *Salesman* hawn Malta. Il-ftehim kien li jaghtih l-*istock* u jhallas tieghu u mbaghad wara li jqassam u jbiegh, ihallsu taghhom u jinghata l-*commission*. Pero’ biex jghinuh, hu u s-socju tieghu kienu ftehmu, li jhalluh jiehu x-xoghol, ibieghu u jhallas wara li jkun qassam fil-hwienet u mbaghad ihallsuh il-*commission*. Izda beda jigri li l-flus li jaghtihom lura ma kienx jekwivali ghax-xoghol li jkunu tawh u ma kienux jafu x’kien qed jaghmel bil-flus. Kien hemm okkazzjoni meta kien talabhom biex ma jiehdulux flus ghaliex kellu bzonn isiefer.

L-attur ighid li kienu ttolerawh ghal xi zmien, izda mbaghad bdew jistaqsuh biex ihallas u minn hemm beda t-theddid u l-kliem hazin. Is-socju tieghu kienet tinfurmah bil-hwienet li kellu jzur ghall-bejgh u kien ghal bidu jahdem hamest (5) ijiem fil-gimgha, izda mbaghad meta ma

bediex ighaddilhom l-flus kienu naqsuhom ghal tlett (3) ijiem fil-gimgha.

L-attur ikompli jghid li l-konvenut kellu l-van u ghalhekk ma kienx hemm bzonn li jinzel Ghawdex, u minflok kien jiltaqa’ mal-*partner* tieghu Anna Cordina Costa sabiex taghtih il-merkanzija.

L-attur isemmi ukoll incident li fih kien involut l-konvenut bil-van tal-attur, u milli jidher li l-incident kien sehh ghaliex infethet il-bieba tal-van. Il-konvenut ma kienx infurmah u sar jaf minghand l-assikurazzjoni. Kien hawn l-attur li kien qallu li kellu jhallas ghall-hsarat.

L-attur jispjega wkoll illi kien qed jitlob sittin lira Maltin (Lm60), u cioe’ ekwivalenti ghal mija u disgha u tletin Euro u sitta u sebghin centezmu (€139.76), peress li nstab li kien hemm nieqsa *spare wheel* mill-van.

Ra x-xhieda ta’ Manwel Micallef, li kien jahdem mal-attur ghall-perjodu bejn Awissu sa’ Dicembru. 2006 bhala *Salesman* hawn Malta.

Kien juza l-van tal-attur u hawn Malta kien jiltaqa ma’ Anna Cordina Costa li kienet tghaddielu l-merkanzija. Bhala *diesel* ighid li kien juza’ circa ghaxar liri Maltin (Lm10), u cioe’ ekwivalenti ghal tlieta  u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) jew anqas gieli.

Ra x-xhieda ta’ Anna Cordina Costa li ilha tahdem mal-attur ghal dawn l-ahhar hames (5) snin. Tikkonferma li l-konvenut kien gie mpjegat bhala *Salesman* bejn is-sena 2005 u 2006, u kien dam jahdem bejn sena jew sena u nofs.

Tikkonferma li kienet tiltaqa’ mal-konvenut hawn Malta u kienu jnizzlu l-merkanzija li kien ser iqassam f’Malta u kienu jzommu *records* ta’ dawn. Biex il-konvenut iqassam dawn il-prodotti kien isuq van Isuzu tal-attur li kien igib in-numru ta’ registrazzjoni IAZ 519 u din kienet proprjeta’ tal-attur.

Ix-xhud tkompli tghid li l-konvenut kellu jaghmel hiltu sabiex isib il-hwienet u aktar ma kien isib hwienet biex jissupplihom, aktar kien ikollu *commission*. Pero', kien qed jidher illi l-konvenut kien beda jiehu ammont ta' merkanzija u ma kienx iqassamaha kollha u mbaghad kien jerga' jitlob merkanzija l-ghada u jbiegh anqas.

Ix-xhud bdiet tinduna li kien hemm xi haga kif mhux suppost. Il-konvenut ma kienx qed jistinka sabiex ibiegh kif kien ghamel ghal bidu u dan kien jirrizulta mid-diskrepanza li kienet tezisti bejn dak li kien ibiegh u dak li kienet tbiegh hi.

Ix-xhud tikkonferma ukoll li l-konvenut kien cemplilha sabiex jinfurmaha li kien hemm il-bieba difettuza ghaliex ma kienitx inghalqet sew u infethitlu u kien ikkaguna hsara f'vettura ohra fl-ammont ta' tmien mija u sittin lira Maltin (Lm860), u cioe' ekwivalenti ghal  elfejn u tlett Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€2,003.26).

Tghid ukoll li kellha suspetti li l-konvenut kien qed jabbuza mill-uzu tad-*diesel* ghaliex kien jitlob hmistax-il lira Maltin (Lm15), u cioe'ekwivalenti ghal erbgha u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€34.94) fil-gimgha, meta l-van ma tantx kien vettura li tikkonsma hafna *diesel*.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jispjega li kienet Anna Cordina Costa li kienet hajjritu sabiex jaghmel dan ix-xoghol ta' *deliveryman*.

L-ewwel problema kienet li din Cordina Costa ma rieditx thaddmu bil-ktieb.

Kien hemm problema ohra, ghaliex iz-zewg (2) bibien ta' wara tal-van ma kienux jinghalqu sew u kienu jintrabtu bil-habel. Ma kellux *stepney* u lanqas *freezer* biex izomm il-merkanzija.

Ighid li hu kien jiltaqa' ma' Anna Cordina Costa filghodu u kienet tghaddielu l-merkanzija u kien ihallasha, u mbaghad hu kien iqassam fil-hwienet. Jergghu jiltaqghu

fis-1.00 pm u kien jaghtiha x-xoghol lura u l-flus li jkun gabar.

Il-konvenut jikkonferma li hu kien ilu jahdem maghhom ghal madwar tmien (8) xhur, izda mbaghad kien beda jiddejjaq ghaliex ma riedux jaghmlulu ktieb tax-xoghol. U l-istat tal-van ma kienx favorevoli.

Jichad li ha xi *stepney*, anzi jinsisti li l-van minn dejjjem kien minghajru.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

1. Illi l-attur kien impjega lill-konvenut mieghu bhala *Salesman* u peress illi r-relazzjoni bejniethom ma baqghetx wahda mill-ahjar, ghaliex l-attur jallega li l-konvenut ma kienx qed jaghmel xoghlu sew u kien qed jisirqu, tramite din il-kawza kien qed jitlob tlett mitt lira Maltin (Lm300), u cioe' ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81), rapprezentanti valur ta' xoghol li gie misapproprjat mill-konvenut, jew il-flus ta' l-istess mizmuma minnu, waqt li kien fl-impjieg ta'l-attur.
Kemm l-attur, kif ukoll is-socja tieghu Anna Cordina Costa isemmu fix-xhieda taghhom li kien irrizultalhom li l-konvenut kien qed jimmisapproprja xi flus ghaliex meta kienu ighaddulu l-*istock* sabiex ibiegh fil-hwienet, kien jghaddielhom anqas flus mill-*istock* li jkunu tawh u dan beda jigri regolarment.

Cordina Costa tinsisti li bdiet isib diskrepanzi, kif ukoll irrizultala li l-konvenut, li kien stazzjonat Malta, kien qed ibiegh ferm anqas merkanzija li kienet qed tbiegh hi.

It-Tribunal irid ikun soddisfatt li effettivament minhabba li kien hemm din l-allegata misapproprjazzjoni, l-attur soffra telf ta' madwat tlett mitt lira Maltin (Lm300), u cioe' ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81). Fl-ebda moment ma pproduca xi dokumentazzjoni sabiex jikkonvinci lil dan

it-Tribunal li kien hemm misapproprjazzjoni sa’ dan l-ammont. It-Tribunal m’ghandux indikazzjoni ta’ kif l-attur wasal ghal dan l-ammont u lanqas ma gab xi kotba fejn kienu jinzammu *records* ta’ kemm harget merkanzija u kemm hallas lura l-konvenut. Ghalhekk, it-Tribunal ma jistax jasal biex jilqa’ t-talba attrici f’dan is-sens ghaliex lanqas hemm indizju ta’ xi misapproprjazzjoni.

2. It-tieni talba hija ta’ mija u sittin lira Maltin (Lm160), u cioe’ ekwivalenti ghal tlett mija u tnejn u sebghin Euro u sebghin centezmu (€372.70), rapprezentanti hsarat ikkawzati fil-vettura ta’ l-attur IAZ 518 tal-marka Isuzu.

Ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni li kien hemm dan l-incident li sehh minhabba li inftehet il-bieba ta’ wara tal-van. Il-konvenut isostni li kien jilmenta li l-van ma kienx f’qadgha tajba.

Anna Cordina Costa tikkonferma li kien cemplilha l-konvenut li kien infurmaha li kien hemm xi difett fil-bieba tal-van u li kienet infethet u per konsegwenza kien ikkaguna hsara f’vettura ta’ terzi. Dan kollu gie ikkonfermat ukoll minhabba li gie esebit ir-rapport.

L-attur ghandu verzjoni pjuttost kontrastanti ma’ dik ta’ Cordina Costa ghaliex jinsisti li l-konvenut ma kienx infurmah, filwaqt li din ta’ l-ahhar tghid li kien infurmaha.
In ogni caso, jibqa’ biex jigi ddeterminat jekk il-konvenut kienx responsabbli ghal dan l-incident u jekk konsegwentement kienx responsabbli ghal hlas ta’ l-istess incident.

Mir-rapport jirrizulta li l-incident sehh fl-24 ta’ Gunju, 2005. Jirrizulta ukoll li sal-15 ta’ Gunju, 2006 kien ghad hemm pendenti *claim* ma’ England Insurance Agency Limited fl-ammont ta’ mija u wiehed u sittin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm116.84), u cioe’ ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u sebghin Euro u sittax-il centezmu (€272.16). Il-konvenut ittenta rressaq l-argument li din il-*claim* ma kienitx l-istess wahda li kienet tirrigwarda dan l-incident, pero’ it-Tribunal huwa aktar proprens li jemmen l-attur f’dan il-kaz, peress li l-vettura li garrbet il-hsara

kienet effettivament assikurata mas-socjeta' assikuratrici England Insurance Agency Limited u ghalhekk jekk l-attur hallas, hallas ghall-incident li sehh waqt li l-konvenut kien qed isuq il-van, minkejja li t-Tribunal huwa konvint li l-van ma kienx fl-ahjar kondizzjoni possibbli, pero' f'dak il-mument tal-incident kien il-konvenut u mhux l-attur li kien qed isuq u lanqas hemm x'indikazzjoni li kien qed isuq bil-mod jew velocement, izda madanakollu ghandu jinzamm responsabbli ghall-hsarat li gew ikkagunati.

3. It-tielet talba hija, li l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350), u cioe' ekwivalenti ghal tmien mija u hmistax-il Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€815.28), rapprezentanti valur ta' *diesel* li ttiehed mill-konvenut u kien imhallas bi flus l-attur.

L-argument imressaq mill-attur huwa li l-konvenut kien jitlob ghal aktar *diesel*, milli kien qed juza'. Cordina Costa tghid li kien jitlobha madwar hmistax-il lira Maltin (Lm15), u cioe' ekwivalenti ghal erbgha u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€34.94), fil-gimgha u dan meta kien van tad-*diesel* li ma kienx jikkonsma daqstant *diesel*.

In sostenn ta' dan, l-attur ipproduca ukoll bhala xhud lil Manwel Micallef li jahdem maghhom bhala *Salesman* u dan jikkonferma li ma kienx juza' aktar minn ghaxar liri Maltin (Lm10), u cioe' ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), fil-gimgha.
Irrizulta mill-provi prodotti, li l-konvenut kien dam jahdem mal-attur ghal madwar tmien (8) xhur, filwaqt li Cordina Costa tghid li kien dam madwar sena jew sena u nofs.

Fir-rigward ta' din it-talba, l-attur ghal darb'ohra jaghmel indikazzjoni tal-ammont li qed jitlob, pero, jonqos li jindika lil dan it-Tribunal kif wasal ghal kalkolazzjoni tieghu.

Bix-xhieda ta' Micallef, donnu l-attur ried jindika li l-ammont regolari li kien jintefaq fuq *diesel* kien ta' circa masssimu ta' ghaxar liri Maltin (Lm10), u cioe' ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29). Il-konvenut kien qed jitlob b'hmistax-il lira Maltin

(Lm15), u cioe’ ekwivalenti ghal erbgha u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€34.94).

Fuq sena dan jindika li kien hemm diskrepanza ta’ madwar hames liri Maltin (Lm5), u cioe’ ekwivalenti ghal hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65), fil-gimgha. Ghalhekk it-total tad-diskrepanza tammonta ghal (52 gimgha x Lm5 (€11.65) = Lm260 (€605.80)). Din hija aktar stampa cara ta’ dak li qed jippretendi l-attur u ghal darb’ohra, it-Tribunal icanfar lill-attur li jekk kemm-il darba qed jaghmel certi allegazzjonijiet, dawn iridu jigu ssostanzjati b’xi mod jew iehor, mhux semplicement jixhet figuri bl-addocc.

4. Dwar ir-raba’ talba, l-attur qed jippretendi l-hlas ta’ *spare wheel* li jammonta ghal sittin lira Maltin (Lm60), u cioe’ ekwivalenti ghal mija u disgha u tletin Euro u sitta u sebghin centezmu (€139.76), peress li allegatament il-konvenut ha din ir-rota.

Il-konvenut jinsisti li ma kienx hemm rota *spare* fil-van tal-attur li kien qed juza’ .

L-attur semma’ l-figura ta’ sittin lira Maltin (Lm60), u cioe’ ekwivalenti ghal mija u disgha u tletin Euro u sitta u sebghin centezmu (€139.76), izda madanakollu lanqas gab xi prova konkreta tal-valur tar-rota tat-tip li jigu uzati ghal van tieghu.

Dan u l-fatt li l-konvenut semma’ li kienu jilmenta mieghu li l-van ma kienx fi stat tajjeb, aktar iwassal lit-Tribunal biex jemmen il-verzjoni tal-konvenut, li anzi jzid ighid li lanqas kellu *stepney* u lanqas *freezer* sabiex igorr il-merkanzija u dan ma giex kontradett mill-attur.

Jekk verament din ir-rota instabet nieqsa, l-attur seta’ ta’ l-anqas jaghti indikazzjoni tal-valur, pero’ ibbaza ruhu fuq asserzjonijiet u ifajjar il-figuri minghajr is-sostenn ta’ prova.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, jiddisponi mill-kawza billi jilqaghha biss in kwantu ghass-somma ta’ mija u sittin lira

Maltin (Lm160), u cioe’ ekwivalenti ghal tlett mija u tnejn u sebghin Euro u sebghin centezmu (€372.70), hsarat fil-vettura tal-attur, u kwantu ghas-somma ta’ mitejn u sittin lira Maltin (Lm260), u cioe’ ekwivalenti ghal sitt mija u hames Euro u erbgha u sittin centezmu (€605.64), ghalhekk total ta’ disa’ mija u tmienja u sebghin Euro u erbgha u tletin centezmu (€978.34) u tichadha ghall-kumplament. L-ispejjes tal-kawza jigu sopportati skond ir-rispettiv rebh u telf bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------